**14 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Sciberras

*versus*

Maġġur Hannibal A. Scicluna, M.B.E. noe

**Azzjoni Kambjarja — Eċċezzjoni — Art. 254 (2) Kap. 17**

*Eċċezzjoni ta' indaġine twila ma tistax tirritardja il-pagament ta' kambjali.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma ta' tnax-il lira u tlettax-il xelin (£12.13.0) import ta' kambjala minnu

dovuta, u skaduta fl-ewwel (1) ta' Ottubru, 1963 (Dok. A) bl-interessi kummerċjali mid-data tal-iskadenza tal-istess kambjala sal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sbatax (17) ta' Ottubru, 1963;

Rat id-dokument prodott ma' l-att ta' ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut;

Semgħat lill-kontendenti bil-ġurament;

Billi b'liġi espressa, eċċezzjoni ta' indaġine twila ma tistax tirritardja l-pagament ta' kambjali (art. 254 (2) Kap. 17);

Billi l-Qorti, f'każ ta' eċċezzjoni simili għandha tordna l-pagament tal-kambjali bil-garanzija għar-restituzzjoni tas-somma pagata, jew mingħajr dik il-garanzija, u tirrimetti għall-ġudizzju ieħor separat id-definizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni; (ara fost oħrajn Kollez. Vol. XXII, P. III, Paġ. 43, 75).

Tiddeċiedi adesivament għall-istanza billi tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma indikata fl-att ta' ċitazzjoni bil-garanzija persunali tal-attur, fl-attijiet ta' dina l-kawża, li jirrifondi lill-konvenut kemm dana jottjeni bil-futur ġudikat jekk il-konvenut jesperixxi l-azzjoni relativa f'xahar żmien mil-lum;

L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-imsemmi futur ġudikat; iżda, jekk il-konvenut ma jisperix l-azzjoni riferita fiż-żmien li ġie lilu prefiss, jitħallsu mingħand il-konvenut.